**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 14 ta` Mejju 2019**

**Kawza Nru. 4**
**Rik. Gur. Nru. 343/2019 JZM**

**Silvio Rapa – K.I. 13058G flimkien ma` Pawla armla ta` Joseph Vella, Ivan Vella, Mark Vella, u James Vella – Karti tal-identita` numru 49842G, 76670M skont korrezzjoni awtorizzata b`digriet tal-15 ta` April 2019, 27171G, u 32085G rispettivament**

***kontra***

**Ronald Agius – K.I. 1044447M skont korrezzjoni awtorizzata b`digriet tal-15 ta` April 2019**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat presentat bil-procedura sommarja specjali fit-2 ta` April 2019 li jaqra hekk –

*1. Illi l-intimat ikkostitwixxa ruhu cert u likwidu debitur fil-konfront tar-rikorrenti Silvio Rapa u Joseph Vella fl-ammont ta` tmint elef u sitt mitt lira (Lm 8,600) ekwivalwenti ghal ghoxrin elf u tnejn u tletin euro (€20,032) bis-sahha ta` skrittura ffirmata quddiem in-Nutar Alex Sceberras Trigona tas-sebgha u ghoxrin (27) ta`Dicembru elfejn u erbgha (2004).*

*2. Illi dan id-debitu gie kkonfermat bi skrittura ohra ffirmata quddiem l-istess Nutar fit-3 ta` Novembru 2011, f`liema okkazjoni, Ronald Agius hallas is-somma ta` elf u hames mitt euro (€1,500) akkont tad-debitu tieghu, u aktar tard bkuntratt ippubblikat min-Nutar Alexia Sceberras Trigona fl-erbgha (4) ta` Awissu elfejn u sbatax (2017).*

*3. Illi skont dan l-ahhar kuntratt, l-intimat irrikonoxxa li huwa ghandu jhallas total ta` tmienja u tletin elf disa` mija u erbgha u sittin euro u erbgha u sittin centezmu (€38,986.64) pagabbli sa mhux aktar tard mill-ahhar ta` Jannar elfejn u tmintax (2018).*

*4. Illi fuq dan il-kapital, l-intimat kellu jhallas l-imghax bir-rata ta` sitt fil-mija (6%) fis-sena sal-31 ta` Jannar 2018, u mbaghad bir-rata ta` tmienja fil-mija (8%) fis-sena.*

*5. Illi l-intimat baqa` ma hallas xejn mill-ammont dovut minnu u dan minkejja li gie interpellat anke bis-sahha ta` ittra ufficjali tad-9 ta` Marzu 2015 (Ittra Nru. 103/2015)*

*6 Illi Joseph Vella miet fl-ghoxrin (20) ta` Gunju elfejn u tmintax (2018) u peress li miet intestat, il-wirt tieghu ghadda skont il-ligi kwantu ghal nofs fuq l-armla tieghu Pawla Vella, u n-nofs l-iehor fuq it-tliet uliedu Ivan, Mark u James, ahwa Vella. Madankollu Pawla Vella rrinunzjat ghall-wirt ta` zewgha bis-sahha ta` nota ta` rinunzja u ghalhekk il-wirt iddevolva kompletament fuq it-tliet uliedu. Madankollu Pawla Vella ghandha sehem indiviz mill-kreditu peress li dak id-debitu gie kkontrattat matul iz-zwieg tieghu maghha.*

*7 Illi l-intimat m`ghandu ebda eccezzjoni x`jaghti ghat-talbiet attrici.*

*Ghid ghalhekk inti ntimat ghaliex m`ghandhiex din il-Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi skont it-talba attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skont l-artikolu 167 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta) u*

*1. Tiddikjarak debitur fil-konfront taghhom fl-ammont ta` tmienja u tletin elf disa` mija u erbgha u sittin euro u erbgha u sittin centezmu (€38,986.64) flimkien mal-imghaxijiet fuq din is-somma bir-rata ta` sitta fil-mija (6%) fis-sena sal-31 ta` Jannar 2018, u mbaghad bir-rata ta` tmienja fil-mija (8%) fis-sena sad-data tal-pagament effettiv.*

*2. Tikkundannak thallas dan l-ammont.*

*Bl-ispejjez kollha, inkluzi tal-mandat ta` sekwestru pprezentat kontestwalment, kontra l-intimat, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-atturi flimkien mal-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat illi l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati lill-konvenut skont il-ligi flimkien mal-avviz tas-smigh tal-kawza.

Rat in-nota ta` riduzzjoni li pprezentaw l-atturi fejn is-somma kapitali dovuta nizlet minn €38,986.64 ghal €36,964.64.

Rat illi fl-istess nota, kien dikjarat mill-atturi illi kien lilhom dovut imghax ta` 6% fis-sena fuq is-somma kapitali fl-ammont ta` €1,093.75 ghaz-zmien ta` bejn l-4 ta` Awissu 2017 sal-31 ta` Jannar 2018, u kien dovut ukoll imghax ta` 8% fis-sena fuq l-ammont kapitali b`effett mill-1 ta` Frar 2018 sat-30 ta` April 2019, dan l-ahhar imghax kien jammonta ghal €3,678.23.

Rat in-nota li pprezenta l-konvenut fejn ammetta t-talbiet attrici kif ridotti bin-nota tar-riduzzjoni taghhom.

Rat illi fl-istess nota, il-konvenut talab li eventwali sentenza ta` din il-Qorti tkun ezegwibbli kontra tieghu b`effett mill-1 ta` Jannar 2020.

Rat illi f`din l-istess nota tal-konvenut, kien dikjarat mill-atturi li kienu qeghdin jaccettaw t-talba tal-konvenut dwar l-ezekuzzjoni tas-sentenza.

**Decide**

**In vista tal-premess, u fuq ammissjoni tal-konvenut tat-talbiet tal-atturi skont in-nota ta` riduzzjoni taghhom :**

**Tiddikjara li qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-atturi sabiex il-kawza tkun deciza bid-dispensa tas-smigh.**

**Tiddikjara lill-konvenut bhala debitur tal-atturi fl-ammont ta` sitta u tletin elf disa` mija u erbgha u sittin euro u erbgha u sittin centezmu (€36,964.64) flimkien mal-imghaxijiet fuq din is-somma bir-rata ta` sitta fil-mija (6%) fis-sena b`effett mill-4 ta` Awissu 2017 sal-31 ta` Jannar 2018, u bir-rata ta` tmienja fil-mija (8%) fis-sena b`effett mill-1 ta` Frar 2018 sad-data tal-pagament effettiv.**

**Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ammont ta` sitta u tletin elf disa` mija u erbgha u sittin euro u erbgha u sittin centezmu (€36,964.64) flimkien mal-imghaxijiet fuq din is-somma bir-rata ta` sitta fil-mija (6%) fis-sena b`effett mill-4 ta` Awissu 2017 sal-31 ta` Jannar 2018, u bir-rata ta` tmienja fil-mija (8%) fis-sena b`effett mill-1 ta` Frar 2018 sad-data tal-pagament effettiv.**

**Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Tordna li din is-sentenza ghandha tkun ezegwibbli kontra l-konvenut b`effett mill-1 ta`Jannar 2020.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**